il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA | SETTEMBRU 1978 | NRU. 85

# GĦALLIEMA JINGĦATAW ĦATRA OGĦLA



**F'LAQGĦA li saret fl-iskola Primarja tal-Furjana, għadd ta' għalliema ingħataw il-ħatra ta' għalliema Grad III fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Huma ġew indirizzati mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, t-Tabib Philip Muscat.**

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Muscat spjega li fil-pożizzjoni ġdida tagħhom dawn l-għalliema għandhom responsabbilita' kbira.

Meta rrefera għax-xogħol tal-għalliema, l-Ministru Muscat qal li jekk isir b'entużjażmu allura jeħfief u jsir aktar interessanti. Huwa nkoraġġixxa lill-għalliema juru aktar inizjattiva u kreattivita' fix-xogħol tagħhom.

**Dwar id-dixxiplina fl-iskejjel il-Ministru Muscat qal li dawn l-Assistant Heads iridu jaraw li kulħadd jagħmel id-dover tiegħu. Hemm bżonn jifhmu l-ambjent tat-tfal.**

*(ikompli f'paġna 2)*

# IL-MINISTRU VINCENT MORAN F'HIDMA BARRA MINN MALTA

Il-Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent, it-Tabib Vincent Moran, akkumpanjat mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Alfred Grech, mis-Segretarju Privat tiegħu, is-Sur Anthony Debono, u mis-Sur Stephen Sant'Angelo mill-Ministeru tal-Finanzi, ħalla Malta nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru biex attenda għall-konferenza tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa li nżammet fil-belt ta' Alma Ata fl-Unjoni Sovjetika. Is-suġġett tal-Konferenza kien il-kura medika primarja b'aċċen partikulari fuq il-kura fil-kommunita'. Għall-Konferenza attendew madwar 1000 delegat minn 140 pajjiż.

**Kienet ta' importanza kbira li Malta tkun rappreżentata f'din il-konferenza peress li s-suġġett ewlieni tagħha jinteressa lill-Gvern Malti mill-qrib, minħabba l-fatt li l-Gvern diġa talab l-għajnuna tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa biex fl-iżvilupp ta' din it-tip ta' kura li diġa' bdiet tiġi mwettqa f'Malta.**

Mir-Russja l-Ministru Moran flimkien mad-delegazzjoni mar iċ-Ċekoslovakkja fejn ġie milquh fl-ajruport mill-Ministru tas-Saħħa tas-Slovakkia, l-Prof. Matejicek.

Il-Ministru Moran kellu laqgħat ukoll mal-Ministru tas-Saħħa ta' Praga, il-Prof. Prokopec dwar aktar kooperazzjoni fil-qasam tas-Saħħa bejn iż-żewġ pajjiżi.

Waqt li kien f'dan il-pajjiż il-Ministru Moran ħa l-opportunita' biex żar diversi "Spa Centres".

Miċ-Ċekoslovakkja d-delegazzjoni kompliet fi triqtha għal-Londra fejn il-Ministru attenda u ndirizza l-konferenza reġjonali tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. F'din il-laqgħa li tinżamm kull sena bejn il-pajjiżi Ewropej, Malta, permezz tal-Ministru Moran ħadet l-opportunita' biex tkabbar l-kooperazzjoni fil-qasam tas-Saħħa ma' diversi pajjiżi ġirien tagħna.



## Il-Papa Ġwanni Pawlu I Jiltaqa' ma' l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan

**Fir-ritratt jidher il-Papa Ġwanni Pawlu I jitħaddet ma' l-Eċċellenza Tiegħu it-Tabib Pawlu Farrugia, Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan, waqt udjenza li ta lill-Kapijiet tad-Delegazzjoniijet, it-Tnejn 4 ta' Settembru.**

### GĦALLIEMA JINGĦATAW ĦATRA OGĦLA

*(jaqbad ma' paġna 1)*

**Il-Ministru ħabbar li se ssir laqgħa mal-Kapijiet ta' l-Iskejjel ta' Malta u Għawdex dwar il-kodiċi ġdid ta' dixxiplina fl-iskejjel. Il-Ministru wera x-xewqa li l-għalliema flimkien mal-ġenituri jieħdu interess fil-belt jew raħal tagħhom ħalli jikber l-interess ċiviku fost il-kommunita' permezz ta' inizjattivi barra l-ħin ta' l-iskola.**

Fi ftit żmien ieħor l-għalliema se jkollhom il-kumitat tax-xogħol. Il-Ministru qal li permezz ta' dawn il-kumitati l-għalliema jkunu jistgħu iressqu s-suġġerimenti tagħhom dwar is-sistema edukattiv kif ukoll jirrakkomandaw lil sħabhom għalliema biex jintbagħtu jispeċjalizzaw barra minn Malta u b'hekk il-livell ikompli jogħla.

**Il-Ministru Muscat temm jgħid li l-għalliema għandhom iżommu f'rashom li l-edukazzjoni isservi l-kommunita' u tenna li meta issir kritika lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni din tkun qed issir lill-għalliema nfushom għaliex huma parti integrali mid-Dipartiment.**

## F'GHAWDEX

# WIRJA TAL-BIEDJA U SNAJJA'

**Din il-wirja, li ilha ssir f'Għawdex għal dawn l-aħħar 93 sena, jiġifieri sa mill-1885, issa stabbiliet ruħha bħala waħda mill-akbar wirjiet tal-Biedja u Snajja' li jsiru fil-gżejjer tagħna. Din is-sena wkoll, il-wirja saret fil-ġonna ta' Villa Rundle u ġiet miftuħa nhar it-Tnejn, 14 ta' Awissu mill-Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Biedja s-Sur Danny Cremona u tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi.**

*IL-WIRJA ĠIET MIFTUĦA MILL-MINISTRU TA' L-INDUSTRIJA, SAJD U BIEDJA S-SUR DANNY CREMONA*



### ĊENTRU TA' ARTIĠJANAT F'GĦAWDEX

Esebiti fil-wirja kien hemm annimali, pjanti, prodotti tar-raba' u dawk tas-snajja'. Attrazzjoni minn fost dawn ta' l-aħħar kienet il-bizzilla — xogħol l-artiġjanat Għawdxi. F'diskors li għamel għall-okkażżjoni, il-Ministru Cremona ħabbar li d-Dipartiment ta' l-Industrija dalwaqt kien ser jiftaħ iċ-Ċentru ta' l-Artiġjanat f'Għawdex biex jikber u jissaħħaħ ix-xogħol ta' l-artiġjanat Għawdxi.

### IS-SETTUR AGRIKOLU GĦAWDXI

**Is-Sur Cremona mbagħad għadda biex juri x'sehem importanti għandu s-settur agrikolu Għawdxi fl-isforzi ta' pajjiżna biex l-ekonomija Maltija ma tibqax tiddependi fuq id-dħul minn bażi għall-gwerra iżda minflok issir waħda bbażata fuq l-industrija, it-turiżmu u l-agrikoltura.**

### ESPORTAZZJONI TA' PATATA U BASAL

Dwar il-qasam tar-raba', minkejja n-nuqqas ta' xita, il-Ministru Cremona semma, b'sodisfazzjon, iż-żieda fl-esportazzjoni ta' patata u basal imkabbra fil-gżira Għawdxija. Per eżempju din is-sena ġew esportati minn Għawdex 31,600 xkora patata, jiġifieri żieda ta' 5,863 xkora fuq is-sena l-oħra, u 31,497 xkora basal, jiġifieri żieda ta' 8,022 xkora fuq is-sena li għaddiet. Il-Ministru qal ukoll li matul l-1977 kien hemm żidiet fil-produzzjoni tal-ħalib u tal-biegħa mibgħuta fil-Pitkalija minn bdiewa Għawdxin.

### ŻIEDA FIT-TURIŻMU

**Il-Ministru Cremona, li dakinhar kien qiegħed jagħmilha ta' Aġent Ministru tat-Turiżmu ħabbar li fix-xahar ta' Lulju, 1978 kien hemm żieda ta' 12,000 turist fuq in-numru ta' turisti li ġew f'dawn il-gżejjer fl-istess xahar is-sena l-oħra. Huwa saħaq fuq il-ħtieġa li inkomplu nżidu l-produzzjoni agrikola ta' pajjiżna biex inkunu nistgħu inlaħħqu mal- ħtieġa ta' aktar ikel konsegwenza ta' dawn iż-żidiet fin-numru tat-turisti li jżuru pajjiżna.**

### APPELL MILL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA

Fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' din il-wirja, tkellem ukoll il-President tar-Repubblika, l-Avukat Anton Buttigieg li saħaq fuq il-ħtieġa li jittieħed interess aħjar tat-turisti u appella lill-lukandiera u lis-sidien tar-ristoranti sabiex dawn jistmaw sewwa lit-turisti.

**Wara d-diskors tiegħu l-President Buttigieg qassam il-premjijiet lir-rebbieħa. Is-Sur Clement Bajada, minn Sannat, rebaħ l-akbar għadd ta' premjijiet.**

# FLATS U DJAR TAL-GVERN



*Il-'Housing Estate' ta' Ħaż-Żebbuġ*

**Il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport b'konsultazzjoni ma' l-Awtorita' tad-Djar u l-Ministeru tal-Ġustizzja u Artijiet għadu kemm ħareġ sejħa għall-offerti għal bini ta' madwar 260 flats f'inħawi differenti ta' Malta.**

Reċenti l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, wara laqgħat li kellu ma' l-Awtorità tad-Djar u mal-Ministru tal-Ġustizzja, Dr Joseph Cassar, iltaqa' mas-sezzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li hija responsabbli għall-bini ta' djar u ġie deċiż il-mod u fejn jistgħu jinbnew flats aktar f'dawk il-Housing Estates li diġà jeżistu.

Fost dawk il-Housing Estates li fihom jistgħu jinbnew flats aktar, hemm fost oħrajn:

| | |
|---|---|
| San Ġwann | Mosta |
| Qormi (Ta' Farzina) | Kirkop |
| Żejtun | Sta. Venera |
| Fgura | Żebbuġ |
| Ħamrun | |

**Minbarra l-bini ta' flats, il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport qed jipprepara l-pjanti għal bini ta' żewġ villaġġi ġodda, wieħed fl-inħawi tax-Xagħjra u ieħor fl-inħawi taż-Żurrieq.**

Dan l-aħħar wara li l-Ministru żar dawn il-lokalitajiet ittieħdu passi għall-akkwist ta' l-art meħtieġa.

Sadanittant, id-Dipartiment fetaħ l-applikazzjonijiet għax-xiri ta' djar tal-Gvern, mill-għarajjes u mill-miżżewġin, f'diversi lokalitajiet f'Malta.

## L-UŻU TA' L-ELETTRIKU

- **Ġeneralment, fid-disgrazzji li jsiru, dejjem jirriżulta li kien hemm xi DIFETT fl-istallazzjoni jew UŻU ĦAŻIN ta' l-apparat.**

- **Min juża l-elettriku għandu jżomm quddiem għajnejh żewġ punti mportanti.**

  **(a) meta jara li hemm xi ħaġa ħażina fis-sistema ta' l-elettriku, DAN GĦANDU JITFI l-MAIN MILL-EWWEL u jqabbad lil min hu kompetenti sabiex jirranġalu d-difett; u**

  **(b) li l-istallazzjonijiet u l-apparati għandhom jiġu wżati SKOND L-ISTRUZZJONIJIET U R-REGOLAMENTI ta' l-EneMalta.**

- **Kull min ikun f'xi dubbju dwar l-apparati elettriċi tiegħu, dejjem jista' jmur l-uffiċċju ta' l-EneMalta u jingħata t-tagħrif meħtieġ.**

- **Biex jiżdied il-ħarsien kontra d-disgrazzji, l-istallazzjoni fid-dar għandha tiġi mgħammra bl-EARTH LEAKAGE CIRCUIT BREAKERS.**

# PROĠETT TA' RIMI TA' DRENAĠĠ F'WIED GĦAMMIEQ



*Il-Ministru Sant waqt żjara tiegħu fuq il-proġett.*

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Awissu, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant żar il-proġett tar-rimi tad-drenaġġ f'qiegħ il-baħar f'Wied Għammieq. Il-proġett hu intiż biex minflok bħal ma' kien qed isir sa ftit ilu meta d-drenaġġ kien jiżbokka eżatt ma' xatt il-baħar dan issa jinġarr permezz ta' pompa ġo pajpijiet taħt il-baħar fil-fond u l-barra mix-xatt biex b'hekk il-baħar ta' madwar ikun meħlus mit-tinġiż.

Il-proġett kien jinkludi it-tqegħid ta' 240 metru ta' pipe ta' dijametru ta' 1,000 millimetru tal-Asbestos cement fl-art u tul ieħor ta' 700 metru pipe tal-High Density Polyethylene ta' 900 millimetru diametru ma' qiegħ il-baħar. It-tqegħid tal-pajpijiet f'qiegħ il-baħar — xogħol ġdid għall-ħaddiema Maltin — sar mill-għaddasa li d-Dipartiment ħarreġ għal dan il-għan.

Ix-xogħol f'Wied Għammieq kien jikkonsisti wkoll fil-kommunikazzjoni mal-mina l-qadima tad-drenaġġ, il-bini ta' pumping station, il-bini ta' *grit trap* li fiha jitneħħa t-trab li jista' jimblokka l-pipe ta' taħt il-baħar u l-installazzjoni ta' apparat li jqatta kull ma jkun hemm fid-drenaġġ biex żgur ma jibqa' jidher xejn meta jasal f'wiċċ il-baħar.

Ta' min ifakkar li dan il-proġett sar bl-għajnuna teknika tal-World Health Organisation, il-Commonwealth Fund for Technical Co-operation u l-Gvern Olandiż.

B'dan il-proġett, il-Gvern Soċjalista permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport taħt l-Onorevoli s-Sur Lorry Sant, sejjer ikun solva l-problema kbira li ilha magħna minn mindu ġiet mibnija s-sistema tad-drenaġġ f'dawn il-gżejjer.

# IL-QASAM INDUSTRJALI L-ĠDID

**Nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu, l-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela, żar il-qasam industrijali ġdid li qed jinbena f'Ħal Far sabiex jara l-progress li sar fuq il-bini tal-fabbriki. L-ewwel fażi ta' bini ta' tnax-il fabbrika miexi 'l quddiem b'ħeffa u hu mistenni li jitlesta fil-bidu tas-sena d-dieħla. Fl-istess ħin qed isir xogħol ta' pedamenti fuq numru ta' fabbriki oħra, kif ukoll fuq il-provvista ta' servizzi ta' elettriku, triqat, telekommunikazzjoni, ilma u drenaġġ.**



*Il-Ministru Wistin Abela f'Ħal Far.*

Ix-xogħol fuq il-pedamenti ta' dawn il-fabbriki qed isir kollu mill-Membri tal-Forzi Armati ta' Malta, tal-Pijunieri u ta' Dirgħajn il-Maltin.

Waqt il-visità tiegħu f'Ħal Far, il-Ministru Wistin Abela żar mar-rappreżentanti ta' "Baħħar u Sewwi" il-lokal fejn ser taħdem din il-kumpanija u ddiskuta magħhom il-proġett u l-użu tal-bini u hangars li ġew allokati għall-ħtiġijiet tax-xogħol tagħha.

Waqt iż-żjara tiegħu, il-Ministru Wistin Abela kien akkumpanjat mis-Sur Henry Coppini, Assistent Segretarju Prinċipali tal-Ministeru, mill-Kurunell Joe Spiteri, mill-Perit Tony Muscat u minn Dr Noel Zarb Adami tal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp, mis-Sur Eric Busuttil, l-uffiċjal inkarigat mill-proġett ta' "Baħħar u Sewwi", mis-Sur John Bonnici, Direttur ta' l-istess kumpanija u minn uffiċċjali oħra.

# inti u l-liġi

*Wieħed ħabib tiegħi talabni biex inżommlu "washing machine" f'kamra fid-dar tiegħi għal ċertu żmien, sa kemm imur joqgħod ftit ma uliedu, barra minn Malta, u jiġi. Jien żammejthielu f'kamra, bil-kuntentizza tiegħu. Qabel ma telaq ġie għandi, ra l-magna fejn kienet, u qalli li kien kollox sewwa.*

*Issa ġara li, waqt li dan il-ħabib kien imsiefer, għamel maltemp kbir ta' xita u speċjalment riħ, u s-saqaf ta' din il-kamra ġġarraf, u l-"washing machine" ġralha ħsara kbira. Meta sidha ġie lura mis-safar, qalli li jien obbligat nagħtih magna oħra. Dan veru?*

Skond. Kieku meta ġie sid il-magna kienet għadha sħiħa u talabhielek, u inti ma tajthilux lura, u ġara li ġara, kien ikun tort tiegħek, għax kieku tajthielu lura meta talabhielek, ma kienitx tkun fil-kamra meta din waqgħet bil-maltemp. Imma la hu kien kuntent li l-magna tibqa' hemm, inti m'intix responsabbli għal dak li ġara, għax dan kien aċċident.

* * *

*Missier żewġi kellu prokura ġenerali magħmula minn wieħed imsiefer, biex hu joħodlu ħsieb ħwejġu u flusu hawn Malta. Issa missier żewġi miet. Żewġi jista' jidħol flok missieru u jkun il-prokuratur?*

Kull ma għandu jagħmel żewġek hu:

1) igħarraf mill-aktar fis lil dak l-imsiefer bil-mewt tal-prokuratur.
2) ikompli jagħmel dak li hu meħtieġ sakemm l-imsiefer jew jinnomina lilu prokuratur, jew iqabbad prokuratur ieħor. Il-kelmiet "dak li hu meħtieġ" ifissru xogħol fl-interess tal-imsiefer, per eżempju ġbir ta' kera, riċevuti ecc.

* * *

*Mara miżżewġa taqla' somma ta' flus bħala donazzjoni mingħand il-ġenituri tagħha. Din tpoġġi s-somma f'Bank fuq isimha. Din is-somma, peress li depożitata fil-Bank matul iż-żwieġ, tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti?*

Le. Dik is-somma tibqa' dejjem tal-mara, u ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Pero' irid jirriżulta minn x'imkien li dik is-somma tassew ġejja mingħand il-ġenituri. Tinsiex li jekk dik is-somma ġiet mogħtija b'donazzjoni, irid ikun hemm kuntratt ta' donazzjoni magħmul u ppubblikat minn Nutar. Tinsiex ukoll li la dik is-somma qegħda depożitata f'ismek, inti tista' tirtiraha meta trid. Imma jekk żewġek imut qablek, u dik is-somma tkun għadha l-Bank, inti tkun trid tipprova li hi ġejja mingħand il-ġenituri tiegħek.


## IL-BANK TAD-DEMM

# Id-demm hu ..... il-ħajja

**Id-demm kollu li joħroġ mill-Bank tad-Demm ta' Malta jingħata mingħajr ħlas fi fliexken tal-ħġieġ tip Baxter. Dawn il-fliexken jintużaw darba biss. Id-demm ikun proċessat u meħlus minn diversi mard speċifiku, hekk kif mitlub mir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Banek tad-Demm.**

**Ta' min wieħed ifakkar, illi meta wieħed jagħti d-demm dan id-demm irid l-ewwel jgħaddi minn ħafna tests sabiex ikun jista' jingħata lil xi pazjent. Dawn it-tests fil-laboratorju jieħdu żmien twil.**

**Id-Direttur tal-Bank jappella bil-qawwa lill-pubbliku ġenerali, u partikolarment lill-Kapijiet ta' ditti, dipartimenti, organizzazzjonijiet, eċċ. sabiex dawn jibagħtu immedjatament lill-impjegati tagħhom biex jgħatu d-demm; għaliex it-talba għal dan id-demm hi dejjem akbar milli jkollu maħżun l-Bank.**

**M'hemmx ħaġa eħfef milli meta inti tagħti d-demm. Tassew sempliċi u ma tħoss l-ebda uġigħ.**

**Ikun ta' sodisfazzjon kbir għalik meta tkun taf li d-demm tiegħek sejjer isalva ħajja oħra.**

**Meta tagħti d-demm, jingħatalek mingħajr ħlas il-'group' tad-demm tiegħek.**

**Id-demm hu l-ħajja. Għati r-rigal tal-ħajja! Mur l-Bank tad-Demm, Europa Centre, il-Furjana. Tel. 20130.**

# IS-SISTEMA METRIKA FIL-KĊINA

**Armarji, 'Fridges', 'Cookers'**

Għal min qed jagħmel kċina ġdida u jixtieq kollox 'fitted' jaqbillu mill-ewwel jordna kollox bil-qies metriku, għax żgur li jsib li l-'cooker' jew 'fridge' huwa diġà ta' kejl metriku.

Biex nagħtu eżempju ieħor, sa ftit żmien ilu meta konna nixtru 'fridge', konna nitolbu wieħed li jesa', ngħidu aħna, 5 piedi kubi. Minn issa 'l quddiem, nitolbu wieħed li jesa' tant litri — flok li nsibu wieħed ta' 5 piedi kubi ikun ta' 140 litru. Veru li dawn huma kollha differenzi żgħar, imma wieħed irid joqgħod attent għalihom l-iżjed, kif għidna, jekk wieħed qed jagħmel kċina ġdida u jixtieq kollox 'fitted'. Ta' min isemmi wkoll li d-ditti ewlenin li jagħmlu l-għamara tal-kċina diġà qalbu għas-sistema metrika u żgur ikunu jistgħu jagħtu parir lil min għandu bżonn.

**Oġġetti tal-Kċina**

Hemm ħwejjeġ oħra fil-kċina li jridu jinqalbu għas-sistema metrika — borom, kzazel u twaġen. Ħafna minn dawn aħna nixtruhom bil-kejl tagħhom; ngħidu aħna, hemm min jitlob borma taż-żewġ pinet, jew inkella landa tal-'cake' taddisa' pulzieri. Dawn ukoll issa tibda ssibhom bil-kejl metriku.

Borom u kzazel żgħar wieħed jibda jsibhom bid-daqs tagħhom imniżżel f'millilitri (ml), filwaqt li ħwejjeġ ikbar ikollhom imniżżel fuqhom kemm jesgħu litri. Ngħidu aħna, wieħed isib taġen immarkat 500 ml u dan ifisser li jkun jesa' nofs litru — u hekk wieħed jiffranka li joqgħod jaħseb kemm se jesa' kikkri taġen ta' tmien pulzieri.

Meta tixtri twaġen u borom u kzazel, barra li wieħed jara li jkollhom immarkat fuqhom id-daqs tagħhom (jiġifieri kemm jesgħu) tajjeb li wieħed jara wkoll kemm huma wiesgħa. Il-qiegħ għandu jkollu wieħed minn dawn id-daqsijiet: 15 cm, 20 cm, 23 cm jew 25 cm. Dawn id-daqsijiet huma mportanti għaliex il-ġewża tal-gass (burner) jew 'hotplate' tal-'cookers' ukoll huma ddisinjati b'ċertu xjenza. Tinsewx imma li tfittxu wkoll li jkollkom immarkat fuqhom kemm jesgħu — jew millilitri jew litri — għax dan jista' jiffrankalkom ħafna kejl waqt it-tisjir.

Meta tixtri landa tal-'cake', dawn x'aktarx li ssibhom f'wieħed minn dawn id-daqsijiet: 2 *l*, 2.5 *l*, 3 *l*, 3.5 *l*, 4 *l* jew 5 *l*. Kif għedna qabel, dawn huma kollha mfassla b'ċertu xjenza u jekk mingħand min tixtri ma jistax jaqdik, jaqbillek tmur x'imkien ieħor.

**Kejl għal-Likwidi**

Fil-kċina nużaw ukoll kejl għal-likwidi —hawn min għandu sett ta' kejl li jkun fih kuċċarina, mgħarfa, eċċ. u tista' tgħid kulħadd għandu buqar tal-kejl immarkat bl-uqijiet fluwidi (fluid ounces) jew kikkri. Dawn ukoll se jinbidlu, u jekk wieħed se jixtri l-ġdid, joqgħod attent li jixtri sett metriku. Fis-sistema li mdorrijin biha, soltu nużaw 'fluid ounces', imma fis-sistema metrika jintuża jew il-millilitru (ml) jew, jekk irridu nkejlu kwantitajiet ikbar, nużaw il-litru. Meta niġu biex nixtru sett ta' kejl metriku talkċina, għandna nixtru dawn:

— buqar tal-kejl (measuring jug) ta' 250 ml li jkun maqsum f'kejl ta' 25 ml;
— wieħed jista' wkoll jixtri ieħor ikbar ta' 500 ml;
— sett ta' kejl, ġeneralment ta' tlieta, li jkun fih wieħed ta' 50 ml, ieħor ta' 125 ml u ieħor ta' 250 ml; dawn jintużaw biex jitkejlu affarijiet bħal dqiq u zokkor u jieħdu post il-kikkra li mdorrijin biha;
— sett ieħor ta' kejl żgħir li jieħu post l-imgħarfa u l-kuċċarina antika u li aktarx ikun fih 1 ml, 2 ml, 5 ml, 15 ml u 25 ml.

**X'tagħmel bil-Kejl ta' qabel?**

M'għandniex xi ngħidu, wieħed jista', jekk irid, iżomm il-kejl li għandu, u ngħiduha kif inhi, min isajjar soltu jkollu l-għodda tiegħu li ma tantx jieħu gost ibiddilha. F'dan il-każ, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh din it-tabella:

kuċċarina
tesa' bejn wieħed u ieħor 5 ml;
mgħarfa
tesa' bejn wieħed u ieħor 15 ml;
kikkra
tesa' bejn wieħed u ieħor 250 ml;
'fluid ounce' Ingliża
tiġi bejn wieħed u ieħor 30 ml;
pinta Ingliża
tiġi bejn wieħed u ieħor 600 ml.

(*jissokta*)

# XOGĦOL KBIR F'SAN PAWL IL-BAĦAR U DAWK L-INĦAWI



▲ Twessigħ tat-Triq f'San Pawl tat-Tarġa.



▲ In-niżla ta' San Pawl tat-Tarġa lesta għat-traffiku.

Twessiegħ tat-toroq, aħna u deħlin Buġibba minn Burmarrad. ▼



**INT u dieħel għal San Pawl il-Baħar ma jistax ma jolqtokx ix-xogħol li qed isir bħalissa fl-inħawi ta' dan il-villaġġ turistiku — xogħol li jagħmel parti mill-iżvilupp infrastrutturali ta' dawn in-naħiet, li huma fost l-aktar imfittxija fix-xhur tas-sajf, kemm mill-Maltin u kemm mill-eluf ta' Turisti li jżuruna.**

### IL-PROBLEMA TAD-DRENAĠĠ SOLVUTA

L-iżjed problema diffiċli li kienet teżisti f'San Pawl il-Baħar kienet, bħalma jaf kulħadd, dik tad-drenaġġ.

B'kollox, f'dawn in-naħiet, jiġifieri San Pawl il-Baħar, Qawra u x-Xemxija, tqiegħdu mhux anqas minn 2,500 metru ta' katusi ta' drenaġġ, kif ukoll 7 pumping stations sabiex id-drenaġġ kollu ta' dawn l-inħawi jiġi ppumpjat fil-post imsemmi l-Plajjiet, limiti tal-Mellieħa, fejn f'dan il-post huwa maħsub li jsir 'treatment plant' biex b'hekk id-drenaġġ jiġi ppumpjat u l-ilma tiegħu użat għat-tisqija mill-gabillotti.

### PROVVISTA AĦJAR TA' L-ILMA

Malli spiċċa x-xogħol fuq id-drenaġġ kien għad jonqos il-problema l-oħra xejn anqas diffiċli tas-sistema ta' l-ilma. Hawnhekk ta' min isemmi li l-mains antiki ta' l-ilma li kienu għaddejjin f'San Pawl il-Baħar kienu maħsuba biss għal ftit eluf ta' nies, residenti tal-post. Għalhekk, meta fis-sajf jibdew jiżdiedu eluf fuq eluf oħra li jmorru għall-villeġġatura, il-limitazzjoni tas-servizz utili ta' l-ilma tibda' tinħass tassew. Ma' dan, wieħed kien irid ukoll iżid id-domanda kbira għall-ilma minn postijiet li jilqgħu fihom lit-turisti, bħal 'night clubs', ristoranti, 'guest houses' u lukandi.

### SISTEMA TA' 'DUAL MAINS'

Għall-ewwel darba, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, fuq struzzjonijiet diretti tal-Ministru s-Sur Lorry Sant, qed idaħħal is-sistema ta' 'dual main' minflok is-'single main system'. B'dan il-mod, il-kanen ta' l-ilma issa qed jgħaddu wieħed kull naħa tat-triq taħt il-bankina (minflok main wieħed minn nofs it-triq) biex b'hekk, barra li l-ilma jiġi distribwit aħjar, (peress li jkun hemm pressa akbar), meta jinqala' l-bżonn li ssir xi tiswija, ma tinqalax it-triq min-nofs bl-inkonvenjenza kollha li dan iġib miegħu), imma tinqala' minn mal-bankina biss.

### IX-XOGĦOL ISIR FIS-SAJF

Għaliex xogħol bħal dan isir fis-Sajf? X'kienet il-ħtieġa li l-Gvern jibqa' sejjer bix-xogħol f'San Pawl il-Baħar anke fis-sajf meta t-traffiku f'dawn l-inħawi jkun tant intensiv?

Ċertu xogħol bħal dak ta' kommunikazzjoni mill-mains għal mad-djar, ikollu bilfors isir fi żmien li jekk jista' jkun id-djar kollha jkunu okkupati, peress li preċiż wara kull komunikazzjoni li ssir, ir-residenti jkunu jridu jassiguraw li l-ilma jkun qed jaslilhom. Barra minn hekk, xogħol estensiv bħal dan tal-Gvern, jeħtieġ jiġi esegwit skond programm imfassal minn qabel.

### MINN SAN PAWL TAT-TARĠA SAL-MELLIEĦA

Max-xogħol estensiv li semmejna, wieħed issa jrid iżid ukoll ix-xogħol li bħalissa għaddej matul it-triq kollha li minn San Pawl tat-Tarġa tieħu sal-Mellieħa via San Pawl il-Baħar.

Dan ix-xogħol ġgantesk, jinvolvi twessiegħ u livellar ta' partijiet sħaħ ta' triq, tqegħid ta' bankini f'diversi bnadi, u fl-aħħarnett il-kisi bit-tarmac.

Il-pjan ta' żvilupp infrastrutturali f'dawn in-naħiet meta jkun lest, żgur li joffri kumditajiet aħjar fis-servizzi domestiċi lir-residenti ta' dawk l-inħawi, kif ukoll iservi sabiex iħaffef it-traffiku kbir li juża din il-parti ta' Malta, speċjalment fl-istaġun tas-sajf.



▲ Triq San Pawl, f'San Pawl il-Baħar miksija bit-tarmac wara li tqiegħdu katusi tad-drenaġġ u mains ta' l-ilma.



▲ It-Triq tax-Xemxija lesta bit-tarmac.

▼ Twessieħ tat-telgħa għal Mellieħa



## SPORTS

# IR-REGATTA NAZZJONALI

Nhar il-Ħadd 10 ta' Settembru, 1978 is-swar storiċi ta' madwar il-Port il-Kbir u x-xtut tal-Belt kienu miżgħuda bin-nies jaraw b'ħerqa r-Regatta Nazzjonali li din is-sena ntrebħet mid-distrett ta' Bormla b'xejn inqas minn erba' rebħiet fil-ħames tiġrijiet li jgħoddu għall-magħrufa Aggregate Shield.

**Ir-Regatta ta' din is-sena tibqa' msemmija l-aktar għall-bosta riformi li saru permezz tal-koperazzjoni sħiħa li kien hemm bejn il-Kumitat maħtur fid-Dwana biex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet u l-Għaqda tar-Regatta Nazzjonali.**

X'aktarx l-akbar riforma kienet l-introduzzjoni ta' apparat sabiex jiġi rekordjat il-qbid u b'hekk kemm il-'judges' ikollhom għajnuna siewja f'każ ta' tmiem diffiċli, kif ukoll il-kumitati tas-seba' pajjiżi li jieħdu sehem ikollhom iċ-ċans u d-dritt li jikkontestaw deċiżjoni għas-sodisfazzjon tagħhom.

**Fil-fatt il-Gvern ipprovda lid-distretti biċ-ċans li jagħmlu prova ġenerali bl-apparat qabel Jum ir-Regatta sabiex jaċċertaw ruħhom li kollox kien sew. Il-prova saret u l-apparat suġġerit ġie aċċettat.**

Barra dan il-pass ġgantesk sabiex jiġu evitati x-xeni koroh li sena wara sena jinqalgħu wara kważi kull tiġrija, l-Gvern ħa ħsieb ukoll li jilqa' bosta suġġerimenti oħra ġejjin mill-Għaqda tar-Regatta Nazzjonali. Fost dawn nistgħu nsemmu t-tlugħ tal-poloz minn qabel sabiex jiġi evitat dewmien esaġerat bejn tiġrija u oħra u l-introduzzjoni ta' distintivi għall-membri tal-kumitati fid-Dwana.

Il-Gvern ħareġ ukoll żieda fil-premjijiet u s-susidji — ħaġa li l-Gvern preżenti ilu jagħmel sena wara sena bil-għan ewlieni li jħares dan l-avveniment ewlieni fil-kalendarju sportiv u tradizzjonali Malti.

**Ir-rebħa Bormliża din is-sena kienet is-sitt waħda fl-Istorja tagħhom. Huma kisbu l-ewwel premju fit-tiġrijiet tal-Midalji, ta' Bi Tnejn, tal-Kajjikki u ta' b'Erbgħa. It-tiġrija tal-frejgatini ntrebħet mid-distrett tal-Kalkara li spiċċa fit-tieni post fl-Aggregate billi pplejsja wkoll it-Tieni f'Tal-Midalji u t-Tieni u t-Tielet f'Ta' B'Erbgħa.**

Il-premjijiet lir-rebbieħa ġew ippreżentati mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu Dr. Joseph Abela.



*Il-Ministru Jos. Abela jidher jippreżenta x-Shield lis-Sur Alfred Bartolo, President tal-Kumitat Bormliż.*

# MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT

## WATERPOLO GĦAT-TFAJLIET

### *SAN ĠILJAN JIKSBU DOUBLE*

**It-tim ta' San Ġiljan, wara li ħmistax ilu rebħu l-kampjonat wara decider kontra Sirens, nhar il-Ħadd, 17 ta' Settembru rebħu wkoll in-knock-out meta reġgħu għelbu lil Sirens fil-final bl-istess skor li bih għelbuhom fil-league decider, jiġifieri 2—1. B'hekk San Ġiljan wettqu s-suċċess li kienu kisbu Sirens is-sena l-oħra u ċaħħduhom milli jirbħu xi wieħed mill-unuri ewlenin.**

San Ġiljan dehru li se jkollhom rebħa faċli meta sa tmiem l-ewwel sessjoni kienu 2—0 minn fuq, goals skurjati t-tnejn minn MARIELLA SCHEMBRI. Fit-tieni sessjoni, pero', MARISA ATTARD naqqset il-marġni meta San Ġiljan kellhom lil Agnes Sammut barra u l-logħba baqgħet indeċiża sat-tmiem.

Fit-tielet sessjoni, Anna Felice darbtejn laqtet il-lasta għas-Sirens, waqt li fl-aħħar sessjoni, Sabrina Farrugia salvat f'corner xutt perikoluż ta' Mariella Schembri.

**Wara l-logħba, is-Sur Joe Debono Grech ippreżenta t-trophy u premjijiet oħra lil San Ġiljan bħala rebbieħa tal-league u tan-knock-out, tazza u midalji lis-Sirens u tazza u midalji lil Valletta, li spiċċaw fit-tielet post.**

Qabel il-final bejn San Ġiljan u Sirens, intlagħbet logħba tal-Veterani li fiha selezzjoni mit-tim tal-Valletta għelbu lil selezzjoni mill-clubs l-oħra bl-iskor ta' 3—2. Għal Valletta skurjaw Dominic Pool, Freddie Portelli u Charles Curmi, waqt li Chris Dowling u Pawlu Cachia skurjaw għas-selezzjoni mill-clubs l-oħra.

Fin-knock-out, l-aħjar skorer kienet il-player ta' Valletta Anna Curmi li skurjat sitt goals, waqt li Mariella Schembri (San Ġiljan) u Fiorella Manara (Sliema) spiċċaw it-tieni b'ħames goals kull waħda. Caroline Attard (Sliema) skurjat erba' goals u Anna Felice (Sirens) skurjat tlieta. Vivien Pace (Valletta), li kienet l-aħjar skorer fil-kampjonat, skurjat goal wieħed biss fin-knock-out.

Mariella Schembri (San Ġiljan) spiċċat l-aqwa skorer overall, jiġifieri meta tgħodd il-goals tal-kampjonat u dawk tan-knock-out, b'total ta' 16-il goal. Warajha spiċċat Caroline Attard (Sliema) b'14-il goal. Anna Felice (Sirens) u Vivien Pace (Valletta) spiċċaw bi 13-il goal kull wieħed.

Il-kumplament tal-goals ġew skurjati hekk:

10 goals: Maria Busuttil (Sirens), Marlene O'Neill u Agnes Sammut (San Ġiljan); 9 goals: Marisa Attard (Sirens), Angela Tortell u Fiorella Manara (Sliema); 8 goals: Anna Curmi (Valletta); 6 goals: Pauline Mangion (Sirens); 5 goals: Anna Camilleri (Valletta); 4 goals: Joyce Bezzina (Sirens), Violet Farrugia (San Ġiljan) u Carmen Axiaq (B'Buġa/M'Skala); 2 goals: Jacqueline Attard u Gloria Bezzina (Sirens), Pauline Micallef u Eileen Montesin (Valletta), Louise Xuereb (San Ġiljan), Dorothea Gasper (B'Buġa/M'Skala), Marjorie Naudi (Neptunes), Silvana Loporto u Theresa Pisani (Sliema); 1 goal: Sabrina Farrugia u Monica Attard (Sirens), Margaret Balzan (Valletta), Anna Pisani (San Ġiljan), Josephine Attard (B'Buġa/M'Skala), Marisa Buhagiar (Sliema), Angele Lupi, Angela Zammit, Stephanie Portelli u Carina Grima (Neptunes).

## IT-TOURNAMENT INTERNAZZJONALI TAL-WATERPOLO

Ta' kull sena l-Amateur Swimming Association mhix tonqos li tagħti l-possibilta' lid-dilettanti Maltin tal-waterpolo li jaraw f'Malta timijiet barranin fuq il-bażi tat-tournament internazzjonali.

Imsieħba mal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, din is-sena l-A.S.A. organizzat tournament internazzjonali għall-clubs, fejn Kosice (Ċekoslovakkja) u Jug (Jugoslavia) wrew klassi biżżejjed denja ta' l-okkażjoni, bit-timijiet Maltin li ma naqsux fl-entużjażmu biex jiksbu l-aħjar postijiet fil-klassifika finali. It-tim l-ieħor barrani fit-tournament kien dak ta' Palermo.

### KOSICE JISSUPERAW

It-tim Kosice, b'wirja ta' logħob li ġiet apprezzata ferm mill-pubbliku numeruż fil-pitch ta' Birżebbuġa, għelbu lill-avversarji tagħhom bi skor ta' 9-3.

It-timijiet spiċċaw hekk: Kosice, Jug, Neptunes, Sliema, Palermo u Birżebbuġa.

**Fuq Inizjattiva tal-Ministru s-Sinjorina Agatha Barbara**

# BANDA TA' L-ALPINISTI TAGĦTI WIRJIET F'MALTA U GĦAWDEX



Fuq inizjattiva tal-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, il-Ġimgħa 25 ta' Awissu, waslet fostna l-banda militari "Fanfara della Brigata Alpina Orobica", komposta minn 48 bandist taħt id-direzzjoni tal-Marixxal Maġġur A. Giuseppe Califano.

Din il-banda tal-alpinisti twaqqfet fl-1964 u minn dak inhar 'l hawn ħadet sehem b'suċċessi kbar f'għadd kbir ta' ċerimonji militari u manifestazzjonijiet ċivili u reliġjużi.

Matul iż-żjara qasira tagħhom fostna, l-Alpinisti taw programmi fil-Belt Valletta, f'Marsalforn u Wied il-Għajn.

# IT-TAGĦLIM TAL-MUŻIKA

L-Imħabba lejn il-kultura mużikali f'pajjiżna teħodna tant lura fiż-żmien li, sa mitt sena qabel inbena l-ewwel teatru f'pajjiżna, il-Manoel, fil-gżejjer tagħna kienu diġa' qed isiru rappreżentazzjonijiet mużikali. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet kienu jittellgħu fid-djar il-għonja u tal-kavallieri. Aktar tard il-mużika bdiet tiġi ppreżentata fil-pubbliku u, fl-aħħar, il-Gran Mastru Manoel de Vilhena iddeċieda li jibni t-teatru li llum għandna.

**F'qasir żmien it-tagħlim tal-mużika xtered ma' l-irħula tal-gżejjer tagħna, u b'hekk nibtu l-ewwel baned. Illum il-ġurnata m'hawnx raħal li m'għandux każin jew tnejn tal-banda tiegħu. Minn dan jidher li l-poplu tagħna mhux biss japprezza l-mużika, iżda jrid li jipparteċipa, u dejjem għatxan għat-tagħlim mużikali, ifittex li jitgħallem din l-arti hekk sabiħa.**

Sa ftit tas-snin ilu, it-tagħlim tal-mużika kien isir minn nies fil-privat. Mhux kulħadd seta' jitgħallem il-mużika għaliex mhux kulħadd seta' jħallas.

**Għalhekk fl-10 ta' April, 1975, data li tibqa' mniżżla bħala ġurnata ferm għażiża għad-dilettanti tal-mużika, il-Gvern preżenti, bil-għajnuna tal-Gvern Awstrijak fetaħ għall-ewwel darba, skola tal-mużika, li l-għan ewlieni tagħha hu t-tagħlim b'xejn tal-mużika lil dawk kollha li jixtiequ jitgħallmu xi strument. Il-Gvern Awstrijak, barra li għen finanzjarjament għall-ftuħ ta' din l-iskola, ħa ħsieb ukoll jibgħat tlett għalliema. Illum l-iskola hija mmexxija kompletament minn dawk Maltin.**

F'qasir żmien, in-numru ta' studenti minn 500 tela' għall-1,000, xhieda ċara ta' l-interess li hawn fostna f'din l-arti hekk sabiħa.

Ta min jgħid, li minkejja li l-iskola tal-mużika għadha fil-bidu tagħha, kollox jinsab ippjanat sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet u l-għanijiet ta' skola moderna. Għalhekk f'din l-iskola wieħed isib studenti ta' kull eta' u klassijiet li jibdew mill-kors preparatorju sa dak l-aktar avvanzat. Il-kors preparatorju hu mportanti ħafna għaliex f'dan il-perijodu, l-istudent barra li jrid jiddeċiedi jekk hux ser ikompli bl-istudji mużikali tiegħu, irid ukoll jibda' jaħseb liema strument jixtieq jitgħallem idoqq. Wara dan il-perijodu, mbagħad jibda it-tagħlim tat-teorija.



*Il-Plakka ta' l-Iskola tal-Mużika Johann Strauss*

F'din l-iskola, isir tagħlim tista' tgħid ta' kull strument li wieħed isib fl-orkestra jiġifieri dawk tal-korda, u tan-nifs; dawk tar-ram, tal-għuda u anke il-"percussion".

**It-tagħlim fl-iskola tal-Mużika jingħata individwalment u kollettivament. Meta l-istudenti jaslu fi stat avvanzat fl-istudji tagħhom, dawn jingħaqdu u flimkien jiffurmaw l-orkestra ta' l-Iskola bil-għajnuna ta' l-għalliema tagħhom. B'hekk barra li jirċievu tagħlim individwali ta' l-istrument, jakkwistaw ukoll l-esperjenza meħtieġa biex wieħed jifforma parti minn orkestra.**

It-tagħlim tal-mużika bħat-tagħlim ta' kull arti oħra huwa bla fini. Iżda il-bidu jrid ikun. Jekk fl-imgħoddi, għall-ħafna nies, dan il-bidu kien iebes u diffiċli u għall-oħrajn impossibbli, illum bis-saħħa ta' l-Iskola tal-Mużika, dan il-bidu jinsab magħna, għad-disposizzjoni tagħna, lest biex nagħmlu użu minnu, mingħajr ebda sagrifiċċju kbir finanzjarju.

DAWRA MAL-GŻEJJER

**Il-parti ta' l-istorja antika ta' l-Imsida hi meħuda mill-ktieb "Bliet u Rħula Maltin" ta' Alfie Guillaumier**

# L-IMSIDA

Dan il-lokal jinsab f'waħda mill-erba' daħliet tal-port ta' Marsamxett.

Id-daħla ta' l-Imsida hi kalanka li, żmien ilu, kellha tul ta' mil u nofs ġo l-art minn fetħa (meħuda mill-ponta tal-Qrajten (Tal-Pietà) għall-ponta ta' Ta' Xbiex), u li kienet tispiċċa bil-Menqa, fejn fuq il-mitt sena ilu kienu jsewwu l-għażel u jaħslu s-suf u l-ħwejjeġ. Għalhekk il-baħar ta' l-Msida dak iż-żmien kien jibqa' dieħel sa fejn illum hemm l-għajn tal-Ħasselin.

Fl-aħħar gwerra, meta bdew jitħaffru x-xelters, bdew jitfgħu l-maskan u t-tifrik ta' bini fil-baħar quddiem il-knisja ta' San Ġużepp. B'hekk, minn biċċa baħar kollha ħama u alka, sar misraħ.

Minn żmien għal żmien, it-taqsim tat-toroq li jduru madwar dan il-misraħ, jinbidlu skond il-ħtieġa tal-mument peress li min hawn jagħqad it-traffiku kollu ta' dik ix-xaqliba.

**Dock fl-Imsida**

Fis-17 ta' Novembru 1869 kien infetaħ il-Kanal tas-Swejz. Il-vapuri fil-port żdiedu u kumpanija Ingliża ħasbet għal 'dock' għat-tiswija ta' dawn il-bastimenti. Id-dock tawh l-isem ta' "The Clarence Hydraulic Lift" u ġie msemmi għall-Ammirall Clarence Paget. Fl-1903 id-dock waqa f'idejn il-Gvern Malti, peress li l-kumpanija falliet. Fl-aħħar kien xtraħ l-Ammiraljat u ġarru lejn it-Tarzna.

**L-Ewwel Knisja.**

L-ewwel knisja ta' l-Imsida kienet kappella mħaffra fil-blat fil-wied li jagħti għal Birkirkara, dedikata lill-Madonna tas-Sokkors Perpetwu. Meta din il-kappella kabbruha ddedikawha lill-Kunċizzjoni kif għadha hekk sal-lum.

**San Ġużepp (Knisja Parrokkjali)**

L-ewwel knisja parrokkjali ta' l-Imsida kienet dik tal-Kunċizzjoni li nfirdet mill-matriċi ta' Birkirkara fl-1867.

Fl-4 ta' April 1886, l-Isqof Buhagiar bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali li damet tinbena sas-sena 1892. Il-vara titulari San Ġużepp saret fl-Italja. Il-kwadru titulari sar mill-pittur M. Cartigione fl-1890.

**Post ta' Villeġġatura u Sajd**

Fil-bidu l-Imsida kienet isservi bħala post ta' villeġġatura u kif ukoll bħala raħal tas-sajjieda. Dawn għadhom hemm sal-lum bix-xbieki tagħhom jinxfu fl-art fuq il-moll.

Annibale Preca jitkellem hekk dwar l-Imsida: "Il-kelma *Mzudah* tfisser sajd — imbagħad saret *Mżuda* — *Msuda* u fl-aħħarnett — *Msida*". Awtur ieħor ixebbaħ l-isem ta' Msida mat-taħsira tal-kelma Għarbija *msayda* — lok tas-sajjieda.

Imbagħad hemm it-tradizzjoni qawwija magħrufa *"Omm Sidna Għina"*, u jgħidu li dik kienet il-bidu ta' isem dan ir-raħal. Il-kelma Msida tfisser wkoll *"magħlaq tal-ħut — vaska"*, peress li fejn hemm il-Għajn tal-Ħasselin darba kien hemm vaska sabiex jinżamm fiha l-ħut ħaj, sabiex jittiekel frisk minn min jixtrieħ.

**Belt Ġdida**

Bħala lokal li nafuh illum l-Imsida hi belt ġdida. Il-motto tagħha hu "Novissima surgo", (l-aħħar waħda li tiela'). Fis-sena 1860 kienu diġà joqgħodu hemm 1148 ruħ.

**L-arma ta' l-Imsida**

L-arma ta' l-Imsida hi żewġ faxxi fidda djagonali fuq kamp aħdar.

**Xogħlijiet Ġodda fl-Imsida biex Tittaffa l-Problema tat-Traffiku**

Waħda mill-problemi tat-traffiku li teżisti hawn Malta hi l-volum kbir ta' vetturi li jiltaqgħu l-Imsida madwar ir-roundabout.

Hawnhekk jinġabar traffiku li jkun ġej u sejjer minn diversi direzzjonijiet — minn naħa ta' Tas-Sliema, min-naħa ta' Birkirkara u minn dik tal-Pietà.



*It-Triq b'żewġ karreġġjati minn Misraħ il-Barrieri (Sta. Venera) u li tispiċċa fil-Wied ta' l-Imsida li diġà qegħda tintuża mit-traffiku.*

**Biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku madwar din ir-roundabout importanti; il-Gvern, permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, ħejja u għadu qed iħejji proġetti li mistennija jtaffu kemm jista' jkun il-problema tat-traffiku f'din in-naħa.**

Wieħed minn dawn il-proġetti jaħdem billi parti waħda tgħaqqad il-Wied ta' l-Imsida ma' Santa Venera u parti l-oħra tgħaqqad l-istess wied ma' Regional Road. **Dawn iż-żewġ partijiet 'l quddiem jingħaqdu fi proġett wieħed meta hu maħsub li jinbena pont li jaqsam il-Wied ta' l-Imsida.**

## Link Roads

In-naħa ta' Santa Venera, jiġifieri t-triq b'żewġ kareġġati li tibda minn Misraħ il-Barrieri u tispiċċa fil-Wied ta' l-Imsida tlestiet u ilha miftuħa għall-karozzi għal dawn l-aħħar seba' xhur. **Permess ta' din it-triq, it-traffiku li jkun ġej minn Triq il-Wied jista' jibqa' tiela' lejn iċ-ċentru ta' Santa Venera, jew viċi versa mingħajr ma jkollu għalfejn jersaq lejn ix-xatt ta' l-Imsida.**

In-naħa l-oħra jiġifieri dik li tgħaqqad il-Wied ta' l-Imsida mar-Regional Road fejn hemm l-akbar volum ta' xogħol, s'issa tlestiet waħda mill-"link roads", li tibda mill-Wied ta' l-Imsida sat-triq prinċipali proġettata.

Din it-triq hekk importanti hi maħsuba li tinfetaħ fi żmien qasir. Bħalissa qed isir xogħol fuq it-triq prinċipali min-naħa ta' fejn taqsam Triq it-Torri, l-Imsida u tibqa' sejra sar-Regional Road qabel ma ddur għall-Università l-Qadima. **Din it-Triq tinsab fi stat avvanzat, u meta din titlesta, u allura tkun ingħaqdet mal-'Link Road', it-traffiku kollu li jkun ġej min-naħa ta' Birkirkara għan-naħa ta' Tas-Sliema u viċi versa, jkun jista' juża din it-triq diretta li tispiċċa fir-Regional Road (ħdejn ir-roundabout ta' l-Università l-Qadima).**

## Tnaqqos id-distanza

B'dan il-mod, it-traffiku ma jkollux għalfejn li minn Birkirkara jgħaddi sa ħdejn ir-'roundabout' ta' l-Imsida biex jidħol ġo Regional Road. Din it-triq diretta mistennija tnaqqas id-distanza li semmejna bin-nofs.

Hekk naraw li anke sakemm jasal biex jinbena l-pont li semmejna, tkun diġà ttaffiet parti sewwa mill-problema tat-traffiku li bħalissa qed ikollu bilfors jgħaddi minn ħdejn ir-roundabout ta' l-Imsida.

## L-Ilma tax-Xita

Bil-għan li jinġabar kemm jista' jkun l-ilma tax-xita, il-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, anke f'dan il-każ fejn hawn sistema sħiħa ta' toroq ġodda, qed jieħu l-okkażżjoni biex iħaffer ġibjun fejn jinġabar dan l-ilma.

Infatti diġà tlesta "soak pit" — (ġibjun mingħajr qiegħ tal-konkrit biex l-ilma li jinżel fih joskula fil-blat) — in-naħa ta' Tower Road. Hemm ukoll proposti "soak pit" ieħor ħdejn fejn kien iċ-Churchill Club, u ieħor ħdejn Mannarino Road Birkirkara. Hemm ukoll maħsubin żewġ ġibjuni oħra, wieħed f'Santa Venera, u l-ieħor f'Ta' Paris.

**Dawn il-proġetti kollha, m'humiex faċli meta wieħed iqis is-sura tal-formazzjoni ta' l-art li hemm fl-inħawi, li jinvolvu tqattiegħ ta' kwantità konsiderevoli ta' blat u twittija ta' volum kbir ta' materjal. Il-Gvern ħass li dawn il-proġetti kien hemm bżonnhom u bħal ma għamel f'ħafna proġetti oħra, qiegħed iwettaqhom għall-kumdità ta' l-eluf ta' nies li se jagħmlu użu minnhom.**



DEHRA TAĊ-ĊENTRU TA' L-IMSIDA

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern